

32005D0770

5.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 291/33

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Novembru 2005

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/634/KE li tapprova programmi li għandhom l-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u ta' farms approvati f'żoni li mhumiex approvati fir-rigward ta' l-eżiżenza tas-settiċemja emorraġika viral (VHS) u tan-nekrožiematopoetika infettiva (IHN) fil-ħut

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4185)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/770/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirreglaw il-bejħ fis-suq ta' animali minn akkwakultura u ta' prodotti minn akkwakultura (¹), u b'mod partikolari Artikoli 10(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/634/KE (²) tapprova u telenka l-programmi ppreżentati mid-diversi Stati Membri. Il-programmi huma maħsuba sabiex l-Istati Membri jkunu sussegwentament jistgħu jibdew proċeduri biex żona, jew farm li tinstab f'żona mhux approvata, jiksbu stat ta' żona approvata jew ta' farm approvata li jinsabu f'żona mhux approvata, fir-rigward ta' l-eżiżenza ta' waħda jew aktar mill-mardiet tal-ħut tas-settiċemja viral emorraġika (VHS) u tan-nekrožiematopoetika infettiva (IHN).
- (2) Il-programm li huwa applikabbli għall-Finlandja fir-rigward ta' l-IHN fit-territorju kollu tagħha, u għall-VHS fil-partijiet kontinentali tat-territorji tagħha ġie ffinalizzat u għandu jit-ħassar mill-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/634/KE.
- (3) Il-programm applikabbli għall-Incubatoio ittico di valle – Loc Cascina Prelle – Traversella (TO) ġie ffinalizzat u għandu jit-tħassar mill-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/634/KE.

- (4) Id-Deċiżjoni 2003/634/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/634/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I jinbidel bit-test ta' l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-Anness II hu mibdul bit-test fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

(²) ĠU L 220, tat-3.9.2003, p. 8. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/414/KE (ĠU L 141, ta' l-4.6.2005, p. 29).

ANNESS I

“ANNESS I

**PROGRAMMI PPREŻENTATI BIL-GĦAN LI JINKISEB L-STATUS TA' ŻONA APPROVATI FIR-RIGWARD
TA' L-EŻISTENZA TA' WAĦDA JEW AKTAR MILL-MARDIET TAL-ĦUT LI HUMA L-VHS U L-IHN**

1. ID-DANIMARKA

IL-PROGRAMMI PPREŻENTATI MID-DANIMARKA FIT-22 TA' MEJDU 1995 LI JKOPRU:

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma ta' FISKEBŻK Ċ
- IL-PARTIJIET KOLLHA TA' JUTLAND lejn in-nofsinhar u l-lvant taż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma ta' Storåen, Karup å, Gudenåen u Grejs å
- Iż-żoni kollha tal-GŻEJJER DANIŻI

2. IL-ĠERMANJA

IL-PROGRAMMI PPREŻENTATI MILL-ĠERMANJA FIL-25 TA' FRAR 1999 LI JKOPRU:

- Żona ta' fejn jinġabar l-ilma ta' ‘OBERN NAGOLD’

3. L-ITALJA

3.1. IL-PROGRAMM LI PPREŻENTAT L-ITALJA FIL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' BOLZANO NHAR IS-6 TA' OTTUBRU 2001 KIF EMENDAT PERMEZZ TA' ITTRA TAS-27 TA' MARZU 2003, LI JKOPRI:

Iż-żona tal-provinċja ta' bolzano

- Din iż-żona tinkleudi kull żona ta' fejn jinġabar l-ilma fi ħdan il-Provinċja ta' Bolzano.

Iż-żona tinkleudi il-parti ta' fuq taż-żona ŻONA VAL DELL' ADIGE – jiġifieri iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Adige mis-sorsi tagħha fil-Provinċja ta' Bolzano sal-fruntiera mal-Provinċja ta' Trento.

(N.B. Il-parti ta' isfel li jifdal taż-żona ŻONA VAL DELL' ADIGE hija koperta mill-programm approvat tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento. Il-partijiet ta' fuq u l-partijiet ta' isfel ta' din iż-żona jridu jitqiesu bħala unità epidemjoloġika waħda.)

3.2. IL-PROGRAMMI PPREŻENTATI MILL-ITALJA FIL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' TRENTO NHAR IT-23 TA' DIĊEMBRU 1996 U NHAR IL-14 TA' LULJU 1997 LI JKOPRU:

Iż-żona Val di Sole e di Non

- iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma mis-sors tax-xmajra Noce sad-diġa ta' S. Giustina.

Iż-żona Val dell'Adige – il-parti ta' isfel

- iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Adige u s-sorsi tagħha li jinstabu fi ħdan it-territorju tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento, mill-fruntiera mal-Provinċja ta' Bolzano sad-diġa ta' Ala (impjant li jiġġenera l-energijs idroelettrika)

(N.B. Il-parti ta' fuq taż-żona ŻONA VAL DELL' ADIGE hija koperta mill-programm approvat tal-Provinċja ta' Bolzano. Il-partijiet ta' fuq u l-partijiet ta' isfel ta' din iż-żona jridu jitqiesu bħala unità epidemjoloġika waħda.)

Iż-żona torrente Arnò

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma mis-sors tat-turrent ta' l-Arnò sal-barrieri tan-naħħa ta' iffel, li tinstab qabel il-punt fejn it-turrent ta' l-Arnò jiżbokka fix-xmara Sarca

Iż-żona Val Banale

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tal-baċir tax-xmajra Ambies sad-diġa ta' impjant li jiġġiera l-enerġija idroelettrika

Iż-żona Varone

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma mis-sors tax-xmajra Magnone sal-kaskata

Iż-żona Alto e Basso Chiese

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Chiese mis-sors sad-diġa ta' Condino, ħlief il-baċiri tat-torrenti Adanà u Palvico

Iż-żona torrente Palvico

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tal-baċir tat-turrent Palvico sa barriera magħmula minn konkos u ġebel

3.3. IL-PROGRAMM IPPREŻENTAT MILL-ITALJA FIR-REĠJUN TAL-VENETO NHAR IL-21 TA' FRAR 2001 U JKOPRI

Iż-żona torrente Astico

- Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Astico, mis-sorsi tagħha (fil-Provinċja Awtonoma ta' Trento u fil-Provinċja ta' Vicenza, ir-Reġjun ta' Veneto) sad-diġa li tinsab qrib il-pont ta' Pedescala fil-Provinċja ta' Vicenza.

In-naħħa ta' iffel tax-xmara Astico, bejn id-diġa qrib il-pont ta' Pedescala u d-diġa Pria Maglio, titqies bħala żona *buffer*.

3.4. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA FIR-REĠJUN TA' L-UMBRIA NHAR L-20 TA' FRAR 2002 LI JKOPRI:

Żona Fosso de Monterivoso: Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Monterivoso, mis-sorsi tagħha sal-barrieri impassibbli qrib il-Ferentillo.

3.5. IL-PROGRAMM IPPREŻENTAT MILL- ITALJA FIR-REĠJUN TAL-LOMBARDIJA NHAR IT-23 TA' DIČEM-BRU 2003 U JKOPRI

Żona valle de torrente Venina: Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma tax-xmara Vienna mis-sori tagħha u il-fruntieri seguenti

- Il-Punent: Il-wied ta' Livrio
- Nofsinhar: Orobio Apls mill-Pass ta' Publino sal-Quċċata ta'Redorta
- In-naħħa tal-punent ta' Armisa u l-widien ta' Armisola

3.6. IL-PROGRAMM IPPREŻENTAT MILL-ITALJA FIR-REĠJUN TA' TOSCANA NHAR IT-23 TA' SETTEMBRU 2004 LI JKOPRI:

Żona valle di Tosi: Iż-żona ta' fejn jinġabar l-ilma ta' Vicano di S. Ellero river mill-għejun tagħha sal-barriera ta' Il Greto qrib il-villaġġ ta' Raggioli

4. IL-FINLANDJA

4.1. IL-PROGRAMM GĦALL-ĦELSIEN MILL-VHS⁽¹⁾ INKLUŻI MIŻURI SPEĊIFIĊI TA' ERADIKAZZJONI PPREŻENTATI MILL-FINLANDJA NHAR ID-29 TA' MEJJU 1995, KIF EMENDATI MILL-ITTRI TAS-27 TA' MARZU 2002, TA' L-4 TA' ĠUNJU 2002, TAT-12 TA' MARZU 2003, TAT-12 TA' ĠUNJU 2003, TA' L-20 TA' OTTUBRU 2003 U S-17 TA' MEJJU 2005 LI JKOPRI:

- Kull żona kostali tal-FINLANDJA b' miżuri specjalni ta' eradikazzjoni fi:
 - il-Provinċja ta' land
 - iż-żona ta' restrizzjoni fi Pyhtää
 - iż-żona ta' restrizzjoni li tkopri l-muniċipalitajiet ta' Uusikaupunki, Pyhäraanta u Rauma

5. ĊIPRU

IL-PROGRAMMI PPREŻENTATI MINN ĊIPRU FL-20 TA' APRIL 2004 LI JKOPRU:

- It-territorju kollu ta' Ċipru"

⁽¹⁾ Dan il-programm ġie tterminat mid-Deċiżjoni prženti fir-rigward ta' l-IHN, li għaliha ingħata l-status approvat.

ANNESS II

“ANNESS II

**PROGRAMMI PPREŻENTATI BIL-GĦAN LI JINKISEB L-STATUS TA' FARM APPROVATA LI TINSAB
F'ŻONA MHUX APPROVATA FIR-RIGWARD TA' L-EŻISTENZA TA' WAĦDHA JEW IKTAR MILL-MARDIET
TAL-ĦUT LI HUMA L-VHS U L-IHN**

1. L-ITALJA

- 1.1. IL-PROGRAMM IPPREŻENTAT MILL-ITALJA FIR-REĠJUN TA' FRIULI VENEZIA GIULIA, IL-PROVINĊJA TA'
UDINE NHAR IT-2 TA' MEJJU 2000 LI JKOPRI:

Il-farms tal-ħut fil-baċir ta' drenaġġ tax-xmara Tagliamento:

- Azienda Vidotti Giulio s.n.c., Sutrio

- 1.2. IL-PROGRAMM IPPREŻENTAT MILL-ITALJA FIR-REĠJUN TAL-VENETO NHAR IL-21 TA' DIĊEMBRU 2003 LI
JKOPRI:

Il-farm:

- Azienda agricola Bassan Antonio”